MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 254/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April, 2009, Mejju 2009 u Gunju 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Rose Marie Agius u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant..

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti joghgoba tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-ewwelnett, jekk sar zball jew nuqqas dan zgur ma kienx da parti ta’ l-appellant u qatt ma jista` jehel ta’ xi haga li qatt ma kellu kontroll fuqha – mhux talli hekk, talli huwa pprezenta r-risposta tieghu ghat-talba ta’ manteniment fil-kawza li twassal ghal separazzjoni personali fit-terminu stabilit, u jekk is-sistema legali taghna fejn jigi appuntat Assistent Gudizjarju biex jisma` x-xhieda mhux wahda perfetta, specjalment ghal mod ta’ kif jigu mdahhlin rikorsi, digrieti u traskrizzjonijiet, m’ghandhux tort l-appellant;
2. Illi d-digriet originali fejn gie ordnat il-manteniment kien ibbazat fuq il-premessa li l-appellant kellu nuqqasijiet kif allegati minn martu. Meta huwa wiegeb, l-appellant ta informazzjoni preciza l-importanti ghar-rigward il-manteniment bhal ma huma l-fatti li t-tlett itfal jghixu mieghu, li l-mara kkommettiet adulterju, u li hi tahdem minghajr ktieb tax-xoghol fil-lukanda Preluna kif ukoll mal-

kumpanija “Riza Limited” tbiegh “time-share”. Illi huwa totalment zbaljat li l-appellant ma nghata l-ebda protezzjoni meta fl-umli fehma tieghu sar zball iehor fejn inghata digriet fis-17 ta’ Marzu, 2010 li vera amenda l-ammont ta’ alimenti li gie riviz sewwa l-isfel, izda ma semma xejn dwar ix-xhur ta’ qabel;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant meta rinfacjat bix-xenarju konfuz ta’ hawn fuq, qatt ma setgha jhallas manteniment ghax-xhur ta’ April, 2009, Mejju 2009, u Gunju 2009, stante li kien ferm naturali li hu kien ser jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu peress illi dan huwa principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram parte.* Konsegwentement m’ghandu l-ebda htija li f’dak iz-zmien [April 2009, Mejju 2009, u Gunju 2009] meta kien akkuzat, huwa baqa` fi *status quo* jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu;
4. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li x-xhur ta’ April 2009, Mejju 2009 u Gunju 2009 huma propju x-xhur immedjati wara li nghata d-digriet u zgur li l-appellant ma kellu l-ebda cans li jaghmel xi haga biex jigi rimedjat dan l-izball amministrattiv;
5. Illi fl-ahhar mill-ahhar l-Onorabbli Qorti tal-Familja stess, minghajr ebda rikorsi ohra jew dokumentazzjoni ulterjuri, ordnat li b’effett mill-1 ta’ Marzu 2010 il-manteniment pagabbli lill-minuri jkun fis-somma ta’ €150 – u din hi prova kemm il-piena ta’ l-Ewwel Qorti hija eccessiva u sproporzjonata;
6. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta` jissottometti li l-piena nflitta kienet eccessiva, meta tenut kont tas-sitwazzjoni ngusta w minghajr ebda htija da parti ta’ l-appellant, huwa nghata piena karcerarja.

Ikkunsidrat :

Jidher illi fil-mori ta’ dan l-appell kien hemm zviluppi fis-sens illi l-parti leza Rose Mary Agius xehdet illi llum is-sitwazzjoni hija stabbli, m’hemmx aktar arretrati x’jithallsu peress illi l-appellant hallas kollox.

B'din id-dikjarazzjoni d-difiza issa qed titlob li s-sentenza tigi varjata peress ili l-maltemp ghadda w il-konjugi minkejja d-diffikultajiet taghhom jidhru illi stabbilew ir-relazzjonijiet bejniethom u ma hemmx aktar kwistjonijiet x'jigu ventilati quddiem Qorti konsjenzjuza. Hawnhekk forsi jkun il-kaz illi ssir temperament fil-piena.

Fil-kawza "Pulizija vs Publius Said" deciza fil-25 ta' Settembru 2003 jghid :
*"l-iskop tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali kien li jsir pressjoni fuq id-debitur rikalcitanti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti. Ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament jew il-ksur ta' stipolazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u gghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena ......"*

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha ssegwi dan l-insenjament, pero` r-reat sar u kien hemm zmien meta l-appellant ripetutament ma kienx qieghed izomm l-ordni jew l-obbligazzjonijiet minnu kuntrattwali sabiex ihallas il-manteniment lil martu.

Ghalhekk ghal dik illi hija htija d-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tibqa` ghad illi thoss li ghandu jkun hemm bdil fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` in parti l-appell fejn illi tikkonferma s-sentenza fejn illi filwaqt tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija izda tvarja l-piena imposta fis-sens illi tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------